MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 605/2010

Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113)
vs
Rosaria sive Lucy Gauci

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u konfermat bil-gurament minn Dr. Maria Karlsson li bih esponiet:

1. Illi hi ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u debitament ikkonsenjat lill-intimata diversi prodotti ta' xorb u dana in segwitu zewg *credit applications* rispettivament datati 15 ta' Mejju 2009 u 22 ta' Lulju 2009 (kopja taghhom giet prezentata mar-rikors u mmarkati rispettivament Dok A u Dok B), li l-intimata ghamlet mal-istess socjeta` rikorrenti,

rispettivament ghall-*bar* f'"Sirens Aquatic Sports Club" u ghall-*bar* f'"Nicolo Isuord Band Club".

3. Illi l-intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf tliet mija u erbghin Ewro (€32,340.00), skond zewg *statements of account* (kopja taghhom giet prezentata mar-rikors u immarkati rispettivament Dok C u Dok D), in kwantu ghall-*bar* f'"Sirens Aquatic Sports Club" is-somma ta' €22,520.03 u in kwantu ghall-bar' "Nicolo Isuord Band Club" is-somma ta' €9,819.97, u dana kif jirrizulta mill-istess *statements of account*.

4. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmija debiti, anke permezz ta' ittra bonarja datata 15 ta' Settembru 2009 (kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok E), u permezz ta' ittra ufficjali rispettivament ghaz-zewg *accounts* in kwistjoni u datati rispettivament 25 ta' Settembru 2009 (kopji taghhom giet prezentata mar-rikors u immarkati rispettivament Dok F u Dok G), u minkejja li l-intimata wieghedet li ser thallas dak kollu dovut minnha lis-socjeta` rikorrenti, anke tramite l-avukat taghha (kopja ta' ittra prezentata mar-rikors u immarkata Dok H), hija baqghet inadempjenti.

5. Illi l-ammont dovut favur is-socjeta` rikorrenti huwa kreditu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf tliet mija u erbghin

Ewro (€32,340.00), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf tliet mija u erbghin Ewro (€32,340.00), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 15 ta' Settembru 2009, ta' l-ittri ufficjali datati 25 ta' Settembru 2009 u tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontra l-intimata nhar l-24 ta' Mejju 2010 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi l-intimata debitament notifikata skond il-ligi ma dehritx ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghaliha.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Dr. Maria Karlsson</u> fejn fih semmiet li hi ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti. Qalet li s-socjeta` rikorrenti bieghet u debitament ikkonsenjat lill-intimata diversi prodotti ta' xorb u dana in segwitu zewg *credit applications* rispettivament datati 15 ta' Mejju 2009 u 22 ta' Lulju 2009, li l-intimata ghamlet mal-istess socjeta` rikorrenti, rispettivament ghall-bar f' "Sirens Aquatic Sports Club" u ghall-bar f'"Nicolo Isuord Band Club". L-intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €32,340.00 skond zewg *statements of account* in kwantu ghall-bar f'"Sirens Aquatic Sport

Club" is-somma ta' €22,520.03 u in kwantu ghall-*bar* "Nicolo Isuord Band Club" is-somma ta' €9,819.97.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmija debiti, permezz ta' ittra bonarja datata 15 ta' Settembru 2009 u permezz ta' ittra ufficjali rispettivament ghaz-zewg *accounts* in kwisjotni u datati rispettivament 25 ta' Settembru 2009. Qalet ukoll li minkejja li l-intimata wieghdet li ser thallas dak kollu dovut minnha lis-socjeta` rikorrenti, anke *tramite* l-avukat taghha hija baqghet inadempjenti. Sostniet li l-ammont dovut huwa kreditu cert, likwidu u dovut.

Xehdet Roseanne Micallef, *Credit Control Manager* mas-socjeta` rikorrenti u ikkonfermat li l-intimata m'ghamlet l-ebda pagament minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €32,340.00, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €32,340.00, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 15 ta' Settembru 2009, ta' l-ittri ufficjali datati 25 ta' Settembru 2009, tal-mandat ta' inibizzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------